**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 271/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Odin Sammut**

Illum 22 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Odin Sammut**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 407498(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar id-9 ta' Frar 2020 għal ħabta ta' 15:40hrs ġewwa l-limiti ta' San Niklaw, Siġġiewi:

1. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'nuqqas ta' kont;

2. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni;

3. saq vettura bil-mutur jew vettura oħra b'mod perikoluż;

4. waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura, naqas li jeżerċita l-kura u attenzjoni xierqa u juri l-intenzjoni tiegħu b'sinjal meta kien ser ibiddel id-direzzjoni tiegħu jew jaqbeż vettura, żiemel jew frat;

5. bħala persuna mexxa jew ħaddem magna ta' vettura b'mod li tagħmel ħsejjes żejda.

Il-Qorti ġiet mitluba li l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-31 ta' Mejju 2022 fejn il-Qorti:

- illiberat lill-imputat mit-tielet (3) imputazzjoni (stante li ma rriżultatx) u mir-raba' (4) u mill-ħames (5) imputazzjoni (stante li kienu preskritti);

- sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni (kompriża fiha t-tieni (2) imputazzjoni) (Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta);

- ikkundannat lill-imputat iħallas multa ta' ħames mija u ħamsin Euro (€550) pagabbli f'ħames (5) pagament mensili ugwali, skwalifikatu milli jkollu liċenzja jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tliet (3) xhur u mponiet tliet (3) punti penali fuq il-liċenzja tas-sewqan.

Rat ir-Rikors tal-appellant Odin Sammut ippreżentat fil-15 ta' Ġunju 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"jogħġobha (a) tannulla u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-31 ta' Mejju 2022; (b) filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn ġie lliberat, tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-31 ta' Mejju 2022 in kwantu fejn instab ħati u minflok tilliberah*

*minn kull imputazzjoni u piena; jew, sussidjarjament u mingħajr preġudizzju; (c) tirrevoka u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-31 ta' Mejju 2022 in kwantu l-piena nflitta u minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm dwar l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza preliminari dwar l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant fejn iqanqal il-preġudizzjali dwar in-nullita' tas-sentenza appellata. L-appellant jilmenta li s-sentenza tal-Ewwel Qorti ma tosservax id-dettami ta' Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jisħaq li n-nullita' temani fis-sentenza appellata in kwantu l-parti dispożittiva tas-sentenza msemmija ma tirriflettix l-artikoli tal-liġi li jikkontemplaw ir-reati li abbażi tagħhom tinstab il-ħtija. Jisħaq li dak li trid il-liġi huwa li ssir indikazzjoni ċara tal-artikolu li dwaru tkun instabet ħtija, liema ħaġa jisħaq li ma saritx f'dan il-każ. Jisħaq ukoll hekk: *"Bl-ikbar rispett, l-frażi 'rat l-artikoli' bl-ebda mod ma jista' isarraf jew jekwipara f'indikazzjoni tal-artikoli li kkontemplaw ir-reat li bih l-appellant instab ħati."*

Illi fis-sottomissjonijiet bil-fomm tiegħu, il-konsulent legali tal-appellant jisħaq li l-appellant għadu ma jafx eżattament ta' liema biċċa jew jekk hux ta' kollox huwa nstab ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu. Minn naħa l-oħra, fis-

sottomissjonijiet bil-fomm tiegħu, l-Avukat Ġenerali ma jressaq l-ebda oġġezzjoni għal dak sollevat mill-konsulent legali tal-appellant waqt is-sottomissjonijiet tiegħu.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-istadju tagħmel riferenza għal Artikolu 382 ta' Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."

Illi riferenza sejra issir għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta dwar l-applikazzjoni ta' Artikoli 377 u 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward fis-sentenza mogħtija fit-28 ta' Frar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Fabrizio Lambelet** (Numru 102/2022) ingħad hekk:

> "Din id-disposizzjoni tal-liġi allura ma tinneċessitax illi s-sentenza tinkiteb mill-Maġistrat jew inkella li din tkun waħda motivata. Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Albert Bezzina**[1] intqal:
>
> [...]
>
> Magħdud dan madanakollu r-*ratio legis* wara l-Artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun ċara fis-sens illi kemm il-persuna akkużata kif ukoll kull min huwa parti fid-deċiżjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkużata tkun qed tiġi misjuba ħatja, tagħti l-piena għal dawk il-fatti li qed jistabbilixxu r-reita' u jissemmew id-dispożizzjonijiet tal-liġi li dwarhom qed tinstab il-ħtija. Issa ma hemmx dubbju illi d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti hija ċara fis-sens illi sabitu ħati tal-akkużi kollha salv it-tieni akkuża però filwaqt li fis-sentenza mogħtija fil-verbal hemm liberazzjoni mit-tieni akkuża

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Lulju 1994.

> fis-sentenza dattilografata ma hemmx referenza għat-tieni akkuża u għalhekk la ġie misjub ħati tagħha u lanqas ma ġie liberat minnha." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Novembru 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Maria Victoria Grech** (Numru 219/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Din il-Qorti temmen li f'kawżi bħal din in eżami fejn si tratta ta' allegata offiża ħafifa fuq il-persuna ta' żewġ minuri minn ommhom, ikun ta' benefiċċju għal partijiet kollha li titniżżel il-motivazzjoni li abbażi tagħha l-Qorti tkun waslet għal deċiżjoni ta' ħtija. Minkejja dan, stante li jirriżulta li l-Qorti fis-sentenza appellata niżlet l-imputazzjoni, l-artikolu li dwaru sabet il-ħtija u l-piena f'dan il-każ il-liberta' kundizzjonata jfisser li l-kweżiti tal-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ġew rispettati u għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant. In-nuqqas ta' motivazzjoni ta' sentenza ma twassalx għan-nullita' tas-sentenza u f'dan ir-rigward din il-Qorti tħoss li hemm lok li ssir emenda fejn ikun rikjest li f'sentenza jitniżżel il-ħsieb jew motivazzjoni li jkun wassal lil dik il-Qorti għad-deċiżjoni li waslet għaliha."

Illi din il-Qorti tinnota li l-appellant kien mixli b'ħames imputazzjonijiet: jirriżulta li hu ġie liberat mit-tielet (3), mir-raba' (4) u mill-ħames (5) imputazzjoni li jfisser li kien jonqos li ssir dikjarazzjoni fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni. Minn qari tas-sentenza appellata jidher żgur li l-appellant instab ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni pero' dwar it-tieni (2) imputazzjoni hemm miktub biss *"kompriża fiha l-akkuża numru 2"*. Filwaqt li minn dan din il-Qorti tista' tasal għal ċertu konklużjonijiet, pero' aktar 'l isfel fis-sentenza appellata meta l-Ewwel Qorti ordnat l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan tal-appellant kitbet *"sewqan bi traskuraġni kbira"* u wara dan il-kliem niżżlet Artikoli tal-liġi fosthom Artikolu 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-

Liġijiet ta' Malta u Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta li ma jiffigurax fl-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant.

Illi din il-Qorti tinnota li huwa neċessarju li fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Maġistrati tgħid **<u>ċar</u>** liema huma l-imputazzjonijiet li tagħhom il-persuna mixlija ġiet liberata jew misjuba ħatja u li tniżżel l-artikoli tal-liġi minn liema jemerġu l-imputazzjonijiet li l-persuna mixlija tkun ġiet misjuba ħatja tagħhom (għax fin-nuqqas ta' hekk, is-sentenza tkun waħda nulla). Fir-rigward tal-imputazzjonijiet li tagħhom il-persuna mixlija tiġi liberata ma hemmx għalfejn jiġu msemmija l-Artikoli tal-liġi in kwistjoni pero' jekk jissemmew, dan il-fatt ma huwiex ser jannulla s-sentenza appellata ovvjament, kif diġa' ngħad, basta li l-Qorti tal-Maġistrati tiddikjara għal kull imputazzjoni jekk hijiex qed tinstab ħtija jew le.

Illi fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, filwaqt li din il-Qorti tirrafferma li tista' tasal għal ċertu konklużjonijiet, pero' dan mhux l-ispirtu tal-liġi. L-Ewwel Qorti kellha tkun ċara fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija tagħha jew fil-liberazzjoni tagħha u kellha tkun ċara fl-Artikoli tal-liġi fejn tinstab il-ħtija.

Illi l-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' April 2006 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** (Numru 327/2005) fejn ingħad hekk:

> "Li skond l-Artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid l-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-Artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat;
>
> Fil-kaz in eżami, l-Ewwel Qorti f'ebda ħin ma ddikjarat espressament ta' x'hiex kienet qed issib lill-appellant ħati u għalkemm *"passim"* fis-sentenza appellata kkummentat dwar kif skondha ġraw il-fatti, b'mod li wieħed jista'

jkollu indikazzjoni vaga ta' x'hiex seta' nstab ħati, dan jibqa' alkwantu inċert, partikolarment meta ssir riferenza għall-artikoli ċitati mill-Qorti bħala l-artikoli li suppost jikkontemplaw ir-reati li tagħhom suppost instab ħati, li in parti huma differenti minn dawk indikati mill-Avukat Ġenerali u huma jew ineżistenti jew manifestament mhux relatati mal-każ. Meta l-liġi issemmi li l-Qorti *"għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati"*, dan ma jfissirx li dan il-vot ikun sodisfatt bil-fatt li l-Qorti tkun għaddiet in rassenja – anki b'mod eżawrjenti bħal f'dan il-każ – il-provi. Imma dan ifisser li l-Qorti trid tgħid eżattament u espressament ta' liema reati sabitu ħati billi tgħid fil-qosor f'hix jikkonsisti r-reat li rriżulta pruvat.

Illi skond ġurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-liġi fl-Artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan-nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-Artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali. F'każ simili dan jintitola lil din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata. (ara f'dan is-sens l-Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Paul Cachia"** [25.9.2003]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [9.9.2002]; **"Il-Pulizija vs. Benjamin Muscat"** [10.7.2002 u 28.6.2002]; **"Il-Pulizija vs. Donald Cilia"** [24.4.2002], **"Il-Pulizija vs. Mark Portanier"** [14.9.2004]; **"Il-Pulizija vs. John Axiaq et"** [19.5.2005]; **"Il-Pulizija vs. Stefan Abela"** [2.2.2006] u oħrajn).

Illi ġie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu ħażin jew addirittura l-indikazzjoni tal-liġi skorretta hu ekwiparat ma' n-nuqqas ta' ċitazzjoni tal-artikolu tal-liġi li taħtu tkun instabet ħtija. (ara **"Il-Pulizija vs. Mario Agius"** [3.2.1995] u oħrajn).

Illi ġie ukoll ritenut li l-Qorti tista' dejjem tirrileva tali nuqqas *"ex officio"* għalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Anthony**

> **Zahra"** [26.5.1994]; **"Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi"** [6.1.2005] u oħrajn).
>
> Għaldaqstant l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza għandu jiġi akkolt mhux biss għaliex l-Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li tagħhom l-appellant instab ħati, imma ukoll għaliex, kif irriskontrat din il-Qorti *"ex officio"*, fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ċċitat artikoli li mhux biss ma ġewx indikati lilha mill-Avukat Ġenerali fin-Nota tiegħu, imma artikoli li jew huma ineżistenti jew manifestament żbaljati."

Illi fir-rigward tal-każ odjern mhuwiex ċar eżatt, per eżempju, jekk l-Ewwel Qorti sabitx ħtija fit-tieni (2) imputazzjoni. Apparti minn dan, ir-riferenzi li saru lejn Artikolu 15H(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jqajjmu numru ta' mistoqsijiet li din il-Qorti ma għandhiex tweġiba għalihom.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti u meħud in konsiderazzjoni wkoll dak li ngħad fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** hawn fuq ikkwotata, b'hekk isegwi li din il-Qorti ser tabbraċċja l-insenjament imsemmi fiha.

Illi fl-istess sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield** ingħad hekk:

> "Illi pero' dan ma jwassalx għall-annullament tal-proċedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti kif qed jippretendi l-appellant fl-istess aggravju tiegħu. In-nullita' hija limitata biss għas-sentenza u kull parti oħra preċedenti tal-proċeduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa u għalhekk kull ma jrid isir hu li l-Ewwel Qorti terġa' tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-Artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpoġġa mill-ġdid fil-pożizzjoni li kien

immedjatament qabel ma ġiet ippronunzjata s-sentenza appellata."

Illi dak li ngħad hawn fuq huwa proprju dak li ser tagħmel din il-Qorti u li sar ukoll f'diversi sentenzi oħra mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta, fosthom dik mogħtija fl-1 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage**.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel aggravju hekk kif kontenut fl-appell imressaq mill-appellant Odin Sammut u tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**